sem&u

Diċembru 2022
Ħarġa nru 22

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex · www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479 · rector.seminary@churchingozo.mt

# *Il-Milied* ŻMIEN IS-SORPRIŻI

F'ħajjitna nistennew ħafna affarijiet, minna nfusna, mill-ħajja, min-nies ta' madwarna; hemm affarijiet li qisna nippretenduhom. Xi kultant dak li nistennew u nippretendu jasal. Ħafna drabi le. U meta jiġri dan spiss nibqgħu delużi u frustrati, b'ċerta qrusa jew sens ta' vittimiżmu u qtigħ ta' qalb. Drabi oħra, grazzi għal dawn il-ġrajjiet, forsi nindunaw li dak li stennejna ma kienx realistiku; f'kelma oħra konna qed niġru wara illużjoni, u għalhekk spiċċajna delużi. Drabi oħra forsi nagħrfu li r-realtà li ma kontx nistenna jew nippretendi mhux kerha daqskemm immaġinajtha u minnha maż-żmien ninduna li joħroġ il-ġid.

L-istess kapaċi jiġri ma' Alla. Kollha kemm aħna nistennew jew nippretendu mingħandu xi affarijiet. Nippretendu wkoll kif għandu jkun hu, kif għandu jaġixxi, x'deċiżjonijiet għandu jieħu u xi pjan għandu jsegwi. U bħalma jiġri fiċ-ċirkustanzi l-oħra tal-ħajja, kapaċi nibqgħu delużi jew nitilfu l-fiduċja fiH, għax hu mhux kif immaġinajnih aħna. Imma ta' min jistaqsi: forsi Alla hu akbar minn dak li nimmaġinaw? Forsi hu isbaħ minn dak li naħsbuh? Forsi jara aktar il-bogħod milli naraw aħna? Forsi hu aktar intelliġenti minna? Ma nagħmlux mod li aħna nistgħu ma nifhmux? Ma nagħmlux mod li hu jista' jmexxi b'mod u bi stil differenti minna?

Il-Milied hu żmien speċjali li fih Alla jfakkarna li hu kemmxejn differenti minn kif nistennewh. U kemm hu sabiħ li hu hekk. Aħna forsi stennejnieh jiġi b'ħafna daqq tat-trombi imma hu jiġi fis-skiet u l-ħabi; stennejnieh jiġi bil-qawwa u b'id tal-ħadid, imma hu jiġi fid-dgħufija u fil-ħlewwa; stennejnieh jiġi kbir, imma hu jagħżel iċ-ċkunija; stennejnieh jimponi ruħu fuq kulħadd, imma jħalli liberu lil kulħadd.

U jekk nilqgħu lil Alla, kif inhu u mhux kif nistennewh, dan bil-mod il-mod jeħlisna, dan jagħmlilna l-ġid... Jeħlisna mill-ġenn li għandna biex inkunu kbar u xi ħadd, jeħlisna mir-reżistenza li għandna għad-dgħufija u l-limiti, jeħlisna mill-għatx marid għall-perfezzjoniżmu u l-ġustizzjaliżmu, jeħlisna mill-kilba tal-poter li mhix għajr biża' mill-inċertezza tal-ħajja, jeħlisna mis-solitudni għax hu daħal fil-qiegħ nett tar-realtà ta' kull wieħed u waħda minna.

Għalhekk li Alla mhux skont kif nimmaġinawh jew nistennewh hi grazzja u mhux diżgrazzja. Irridu però nħallu d-delużjoni tagħna tkellimna u twassalna nifthu qalbna għalih; għall-istil, l-għerf u l-imħabba tiegħu li bihom imexxi l-ħajja tagħna.

Permezz tal-Milied għandna ċertezza: li nistgħu nafdawh! Għax hu jixtieq ikun magħna dejjem u bħalna f'kollox barra d-dnub; għax hu għalih ma jżomm xejn imma jsir kollox għal kulħadd; għax hu lest li jiġi rifjutat minni tant kemm jirrispettani; għax hu lest isir żgħir biex nikber jien u jagħmilni bħalu, iben tal-Missier. Għalhekk, ejjew inħallu lil Alla jissorprendina f'Ġesù u nitolbu l-grazzja li nifthu qalbna għalih.

*Fr Noel Debono*
Prefett tal-istudji
u Delegat għal-Vokazzjonijiet



# "QISU KIEN HEMM XI ĦAĠA NIEQSA U RIDT INKUN NAF X'INHI"

**Mill-kors tal-mediċina għas-Seminarju. X'kienet dik il-ħaġa li mbuttatek biex tagħmel din l-għażla f'ħajtek?**



Ħassejt xi ħaġa ġewwa fija illi xtaqt aktar, qisu kien hemm xi ħaġa nieqsa u ridt inkun naf x'inhi. Xħin fittixt u xħin tlabt ħassejt li t-triq hi li niġi hawn, is-Seminarju. Domt intella' u nniżżel u kelli ħafna mistoqsijiet li qajmu fiha biżgħat imma magħhom ġabu fija wkoll sens ta' ferħ u paċi. Wara żmien ta' riflessjoni, wara li anke tkellimt ma' xi qassisin oħra, ħassejt li il-biża' m'għandiex twaqqafni.

**Għadek kemm temmejt is-sena propedewtika. Kif tiddeskrivi din is-sena?**
Kienet sena li fiha skoprejt il-ħajja fis-Seminarju u għenitni npoġġi d-dixxerniment tiegħi fil-konkret. Dħalt ftit ftit fil-ħajja u r-ritmu tas-Seminarju. Bdejt l-ewwel esperjenza f'parroċċa differenti minn dik tal-Għasri fejn stajt induq realtà ġdida. Bdejt nibni fuq l-erba' pilastri tal-formazzjoni li huma dik umana, spiritwali, akkademika u pastorali u bl-għajnuna tal-formators, direttur *spiritwali* u *counsellor* komplejt niddixxerni aħjar biex eventwalment, fl-aħħar ta' din is-sena, stajt niddeċiedi jekk nagħmilx it-talba tiegħi lill-Isqof biex nibda l-ewwel sena tiegħi bħala seminarista.

**X'kienet l-isbaħ u l-aktar esperjenza importanti għalik fis-sena propedewtika?**
Naħseb li għalija l-isbaħ esperjenza kienet il-ħidma tiegħi fil-parroċċa ta' San Lawrenz. Hemm bdejt niskopri realtà differenti li ħassejtni milqugħ ħafna fiha.

**Issa li bdejt l-ewwel sena, x'differenza tara bejn is-sena propedewtika u din is-sena?**
Hija qabża sabiħa. Dak li kont nara fis-seminaristi fis-sena propedewtika issa qiegħed ngħixu. Qed nieħu aktar sehem dirett fil-parroċċa tal-pastorali, qed nibni relazzjonijiet ġodda ma' nies differenti, u qed niskopri dejjem aktar il-Mulej x'irid minni permezz tad-diversi esperjenzi li joffri s-Seminarju, permezz tat-talb u anke permezz tal-akkumpanjament tad-direttur spiritwali.

**Il-fatt li s-sena propedwtika ssir fis-Seminarju mas-seminaristi kif rajtha? Għenitek jew tellfitek?**
Inħoss li għenitni għaliex kienet eħfef għalija biex bl-għajnuna tagħhom nidra l-ambjent. Sirt naf aktar lis-seminaristi u kif huma jgħixu l-programm tas-Seminarju. Bl-għajnuna tagħhom il-bidla mill-ħajja tal-università għal dik fis-Seminarju ma kinitx daqshekk kbira.



*Il-Komunità...*

**Tagħti merħba** lis-seminarista **JOHN XERRI** (mill-Għasri) li beda l-ewwel sena.

**Tirringrazzja lilkom**, il-benefatturi tagħna kollha, kemm dawk li tawna xi borza ta' studju u kemm dawk li tawna xi donazzjoni. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

**IL-KOMUNITÁ TAS-SEMINARJU** tawgura
*Il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha tagħna.

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Wara l-vaganzi tas-Sajf, nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022 il-komunità tas-Seminarju reġgħet bdiet sena oħra ta' formazzjoni permezz ta' mument ta' talb u l-qsim tal-esperjenzi tas-Sajf.

Mit-Tnejn 19 sas-Sibt 24 ta' Settembru 2022 il-komunità tas-Seminarju għamlet l-irtir tal-bidu tas-sena ġewwa Dar Manresa flimkien mal-komunità tas-Seminarju ta' Malta. L-irtir tmexxa mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex.





Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2022 sar il-ftuħ uffiċċjali tas-sena formattiva 2022-2023 permezz ta' laqgħa lill-istaff akkademiku u Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, li għaliha kienu preżenti wkoll il-familjari tas-seminaristi.

Nhar it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2022 Jamie Buttigieg mill-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u Jeremy Scicluna mill-parroċċa tal-Katidral ta' Marija Assunta fil-Belt Victoria bdew l-esperjenza tas-Sena Propedewtika ġewwa s-Seminarju.

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja li saret bejn it-Tnejn 17 u s-Sibt 22 ta' Ottubru 2022, is-seminaristi għamlu diversi attivitajiet marbutin ma' din il-ġimgħa. It-tema ta' din il-ġimgħa kienet "Xhieda tal-Kelma", ispirata mill-Pjan Pastorali Djoċesan għal din is-sena. Is-seminaristi għamlu diversi laqgħat lill-istudenti tal-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù fil-klassijiet tagħhom. Saret ukoll Adorazzjoni Ewkaristika b'tema missjunarja li tmexxiet mid-djaknu Matthew Bajada. Il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2022 ilqajna fostna lil Dun Manwel Cutajar li ċċelebra l-Ewkaristija flimkien magħna. Il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022 is-seminaristi għamlu *video call* mal-E.T. Mons. Joe Bonello, Isqof Għawdxi fil-Honduras, li matulha qasam l-esperjenza missjunarja tiegħu. Matul din il-ġimgħa sar ukoll talb speċjali għall-missjunarji Għawdxin madwar id-dinja.

Nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru l-komunità tas-Seminarju kellha l-ewwel laqgħa għal din is-sena fost serje ta' laqgħat mensili mal-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex.

Nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 il-komunità tas-Seminarju kellha laqgħa formattiva flimkien ma' Eman Borg f'isem *LGBTI+ Gozo* u ma' Louisa Grech f'isem *Drachma Parents' Group*, li tkellmu dwar il-Knisja u l-importanza tal-komunikazzjoni u l-qlub miftuħa lejn id-diversità tal-bniedem.

Fil-*weekend* ta' bejn il-Ġimgħa 28 u l-Ħadd 30 ta' Ottubru 2022 il-komunità tas-Seminarju għamlet *Human Formation Weekend* bit-tema *Sensitivity*. Dan tmexxa minn Dun John Vella u sar fid-dar tas-sorijiet Sależjani fil-Qbajjar.



Fil-lejl ta' bejn it-Tnejn 31 ta' Novembru u t-Tlieta 1 ta' Novembru 2022 is-seminaristi flimkien mal-*formators* għamlu mixja magħrufa bħala *Lungo Passeggio*, li ssir kull sena. Din id-darba l-mixja saret fl-inħawi ta' Kerċem, San Lawrenz, l-Għarb, u l-Għasri.

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2022, festa ta' San Karlu Borromeo, is-Seminarju fakkar il-156 anniversarju mill-ftuħ tiegħu.

Nhar is-Sibt 12 ta' Novembru 2022 saret l-ikla ta' San Martin fis-sala tas-Seminarju wara nuqqas ta' sentejn.



F'rabta max-xahar ta' Novembru, li fih niftakru f'ħutna l-mejtin, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat Quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju tax-Xagħra nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2022.





Nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022 l-abbatini minn Form 3 'l fuq tal-parroċċi tal-Għasri u Sannat ġew mistieda għal mument ta' Adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-seminaristi.

Nhar is-Sibt 26 ta' Novembru 2022 ingħata bidu għal sena liturġika ġdida permezz tat-tbabbira tal-Avvent. Din saret mir-Rettur Dun Richard-Nazzareno Farrugia fil-kappella tas-Seminarju.

Nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru l-komunità tas-Seminarju kellha t-tieni laqgħa għal din is-sena flimkien mal-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex.



Nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 2022 is-seminarista Matthew Borg mexxa każ morali marbut mas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Bejn l-Erbgħa 30 ta' Novembru u s-Sibt 3 ta' Diċembru 2022 ġie organizzat *live-in* għall-istudenti tas-*6th Form* fis-Seminarju. Dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jgħixu l-programm tas-seminaristi fil-ħajja tas-Seminarju.



Nhar l-Erbgħa 7 u l-Ħamis 8 ta' Diċembru 2022 ġiet iċċelebrata l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappella tas-Seminarju permezz ta' talb Marjan, il-Liturġija tas-Sigħat, il-Quddiesa, u nofstanhar ta' Adorazzjoni Ewkaristika. Ġiet organizzata wkoll ikla għall-istaff akkademiku.

Nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru 2022 ġiet organizzata attività tal-Milied għall-gruppi tal-abbatini minn Form 3 'l isfel. Din l-attività kienet tikkonsisti f'mument ta' riflessjoni u logħob varjat.

Nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru 2022 ġiet organizzata attività tal-Milied għall-gruppi tal-abbatini u tal-vokazzjonijiet minn Form 4 'l fuq.



Nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2022 is-seminaristi Matthew Borg u Franklin Micallef ġew mogħtija l-ministeru tal-Akkolitat mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, waqt Quddiesa li ġiet iċċelebrata fis-Santwarju Parrokkjali tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor f'Ta' Kerċem.

Fost l-attivitajiet annwali fi żmien il-Milied wieħed isemmi ċ-ċelebrazzjoni tan-Novena tal-Milied waqt il-Quddies, il-korrezzjoni fraterna komunitarja, il-Quddiesa fl-għar, iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali, il-qsim tar-rigali, u l-Quddiesa u l-festin tal-Milied flimkien mal-familjari tas-seminaristi, u l-aħwa ħbieb tas-Seminarju.